GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

# PRESS RELEASE

| PR231015 | 28.06.2023 | 4 |
|---|---|---|

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Ekoskola fil-Parlament 2023***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia dalgħodu mexxa s-Sbatax-il Edizzjoni ta' EkoSkola fil-Parlament. Il-Programm EkoSkola hu programm edukattiv minn Nature Trust – Malta, b'koordinazzjoni mal-iskejjel pubbliċi, tal-Knisja, indipendenti u privati bil-għan li jħeġġeġ l-istudenti u t-tfal japprezzaw is-sbuħija tal-ambjent naturali tal-gżejjer Maltin. Matul din il-laqgħa fil-Parlament l-istudenti jiddiskutu diversi temi li jolqtu l-ambjent kemm fil-gżejjer Maltin, iżda wkoll, fid-dinja.

Fl-aġenda ta' EkoSkola fil-Parlament, it-tfal iddiskutew mal-Membri tal-Parlament il-periklu minħabba t-traffiku, in-nuqqas ta' spazji miftuħa f'pajjiżna, l-ambjent fid-djar u familji tagħna, l-impatt ta' gwerrer fuq l-ambjent u konsegwenzi fuq l-bnedmin/refuġjati, l-effetti ta' *microplastics* fuq l-ambjent, inkluż l-ambjent marittimu, it-tniġġis tal-arja, Il-qagħda tal-familja f'pajjiżna u l-isfidi ekonomiċi fuq il-familja u l-vjolenza domestika bħala theddida għal familja.

Fid-diskors tiegħu, l-Ispeaker faħħar lil Nature Trust – Malta għall-impenn tagħha favur il-ħarsien tal-ambjent naturali u dak marittimu f'pajjiżna, b'mod partikulari it-treġġija ta' diversi siti ta' importanza ekoloġika fil-gżejjer Maltin.

Hu saħħaq fuq l-importanza dwar id-dritt li kull persuna, kemm f'Malta u fid-dinja, tgħix f'ambjent naturali nadif u sabiħ. Kull theddida lill-ambjent naturali tista' twassal biex il-bnedmin ikunu mċaħħda minn għajxien dinjituż. Hu fakkar ir-responsabbiltà li għandhom l-awtoritajiet fit-teħid ta' deċiżjonijiet li jolqtu l-ambjent u li għandhom dejjem jagħtu importanza l-interess u ġid komuni tal-bnedmin.

Il-konferenza kienet indirizzata wkoll mill-Prim Ministru Robert Abela, il-Kap tal-Oppożizzjoni Bernard Grech, il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal Michael Falzon, is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali lAlison Zerafa Civelli, is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza Rebecca Buttiġieġ, is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej Chris Bonett, Robert Cutajar, Whip tal-Grupp Parlamentari tal-Oppożizzjoni, u l-Membri Parlamentari Romilda Zarb, Janice Chetcuti, Graziella Attard Previ, Justin Schembri u lMark Anthony Sammut.